MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2859/2002

**Mobisle Communications Limited
vs
Coombes Michael Frank**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija u tnejn u ghoxrin lira maltija u wiehed u sittin centemzu (Lm122.61) liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Numru 01954 in rigward ghal servizzi lill-konvenut rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2001 u Gunju 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Settembru 2002 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Sema' lil P.L. Peter Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm122.61) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------